*ENVIRONMENTAL INFRINGEMENTS*

**3190. L-ONOR. LEO BRINCAT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 2274 u jara li titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa u komprensiva tal-*environmental infringements* kollha li ġejna sottomessi għalihom jew notifikati dwarhom s'issa kemm ilna membri ta' l-Unjoni Ewropea?

14/10/2008

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'lista ta' l-*environmental infringements* kollha li ġejna sottomessi għalihom jew notifikati dwarhom s'issa kemm ilna membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Seduta 47
03/11/2008

IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA
TAD-DEPUTATI FIS- S. 47- 3/11/08
MILL- Prim Ministru

19th September, 2008.

Reply to PQ 3190

# PQ 3190

SKRIVAN

***Ittri ta' Notifika Formali***

| *Issue* | STATUS |
|---|---|
| *Infringement* Nru. No. 2006/2488 fuq id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April ta' l-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma. | Waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kummissarji tas-17 ta' Ottubru, 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipposponi l-każ. |
| *Infringement* Nru. **2007/2338** fuq li jikkonċerna l-alleġat *transposition* skorretta tad-Direttiva 90/219/EEĊ fuq l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament. | Malta ssottomettiet ir-risposta għan-notifika formali permezz ta' ittra datata 6 ta' Ġunju, 2008.<br><br>In-notifikazzjoni tar-regolamenti sostitwenti saret skond il-proċeduri stabbiliti. |
| *Infringement* Nru . **2006/2499** fuq ir-regolament Nru. 2037/2000 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu. (sustanzi wżati fuq il-vapuri) | Fuq it-talba tal-Kummissjoni għal aktar informżżjoni, Malta rrispondiet permezz ta' ittra datata 10 ta' Diċembru, 2007.<br><br>Sa' issa, Malta għada ma rċevietx korrispondenza mill-Kummissjoni. |
| *Infringement* Nru. **2008/2077** dwar l-implementażżjoni tad-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni. | Malta ssottomettiet ir-risposta għan-notifika formali permezz ta' ittra datata 6 ta' Ġunju, 2008.<br><br>Dan il-każ ingħalaq waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kummissarji tas-17 ta' Settembru, 2008. |
| *Infringement* Nru. **2006/4625** fuq l-applikażżjoni tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent. (Is-SEA Direċtive). | Wara ir-risposta għan-notifika formali, Malta bagħtet ittra supplimentari fis-16 ta' Novembru, 2007.<br><br>Sa' issa, Malta għada ma rċevietx korrispondenza mill-Kummissjoni |
| *Infringement* Nru. **2007/4325** fuq l-allegat applikazzjoni skorretta tad-Direttiva 85/337/KE, dwar it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward l-iżvilupp propost ġewwa il-Forti Cambridġe, Tas-Sliema (Malta). | Il-proġett ta' *Fort Cambridġe* kien approvat mill-MEPA fit-3 ta' Lulju, 2008.<br><br>Informażżjoni addizzjonali ntbagħtet lill-Kummissjoni fil-25 ta' Lulju, 2008. |
| *Infringement* Nru. **2008/0442** li jikkonċerna id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament | Dan il-każ huwa biss dwar proċedura ta' *transposition* li kienet għada |

| *Issue* | STATUS |
|---|---|
| Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Marżu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE - Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni | ma saritx.<br><br>Ir-regolamenti ser jintbagħtu għall-pubblikażżjoni fil-ġranet li ġejjin. |
| *Infringement N*ru. **2007/2491** li jikkonċerna it-transposition skorretta ta' l-Artikoli 8(1), (2) and 15(2) tad-Direttiva Nru. 2000/60/KE fuq il-moniteraġġ ta' l-ilma li jinsab fil-wiċċ, l-ilma tal-pjan u tal-wesgħat protetti. | Ir-risposta ta' Malta għan-notifika formali tressqet għall-approvażżjoni nhar il-11 ta' Settembru, 2008.<br><br>It-tweġiba formali ser tintbagħat lill-Kummissjoni sa' mhux akar tard minn nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2008. |

***Ittri mqiegħda fil-mora (Reasoned Opinions)***

| | |
|---|---|
| *Infringement* Nru. **2006/2279** li jikkonċerna id-Direttiva 85/337/EEĊ dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. (EIA) | Dan il-każ ngħalaq waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kummissarji tas-17 ta' Settembru, 2008. |
| *Infringement* No. **2007/2187** fuq l-implimentazzjoni ta' l-obbliġi li jirriżultaw mill-Artikoli 4(1) and (2) tad-Direttiva 79/409/EEĊ of 2 April 1979 fuq il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (il-Birds' Directive) fejn għandha x'taqsam id-*designation* tal-wesgħat speċjali u protetti (SPAs) fir-Repubblika ta' Malta. | Fuq dan il-każ, li jikkonċerna il-wesgħat protetti, il-MEPA ħejjiet dokument dwar Wied Moqbol u Wied ix-Xoqqa u r-regolamenti kkonċernati intbagħtu għall-publikażżkoni.<br><br>Dan il-każ għandu jkun diskuss fil-*Package Meeting* fit-2 u 3 ta' Ottubru, 2008. |
| *Infringement* Nru. **2007/4522** dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent. (Is-'SEA Directive' jew 'id-Direttiva') f'Malta – Il-Pjan Lokali tal-Majjistral. | Malta ssottomettiet risposta għar-*Reasoned Opinion* permezz ta' ittra datata 1 ta' Awwissu, 2008.<br><br>Permezz ta' din l-ittra, Malta iċċarat illi fl-ittra datata 12 ta' Ġunju, 2008, Malta kienet irrispondiet għall-*Formal Notiċe* u infurmat lill-Kummissjoni illi dan ma kienx każ ta' Infringement peress illi l-emmendi li saru fuq il-pjan lokali tal-majjistral ma kienux jaqgħu taħt id-definiżżjoni ta' 'Pjani u Proġrammi' fid-Direttiva SEA. |

| | |
|---|---|
| Infringement Nru. 2007/2032 li jikkonċerna id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi kif emmendat mid-Direttiva 2003/105/EĊ (SEVESO II Direċtive). | Dan il-każ ingħalaq waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kummissarji tas-17 ta' Settembru, 2008. |

***Riferimenti lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja***

| | |
|---|---|
| *Infringement* Nru. **2005/2331** li jikkonċerna ir-Regolament (KE) Nru. 2037/2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu. | Waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kummissarji fis-17 ta' Ottubru, 2007, ittieħdet deċiżjoni sabiex jitkompla id-diferiment ta' dan il-każ. |
| *Infringement* Nru. **2007/2108** fuq id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ. | L-informażżjoni mitluba minn Malta intbagħtet lill-Kummissjoni. |

***Każijiet imressqa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja***

| Issue | Ċomment |
|---|---|
| *Infringement* Nru. **2006/2283** li tikkonċerna id-Direttiva 79/409/EEĊ fuq il-konservazzjoni ta' l-għasafar li jgħixu fis-salvaġġ. | Malta issottomettiet tfakkira fuq il-kaz Ċ-76/08 fil-11 ta' Awissu, 2008, skond l-Artikolu 41 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. |
| *Infringement* Nru. **2006/2407** li jikkonċerna id-Direttiva 2001/80/KE dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni b'rabta ma' l-operazzjoni ta' l-impjant ta' l-istim Fażi Nru. 1 tal-Power Station ta' Delimara u tal-Power Station tal-Marsa. | Malta ssottomettiet *Statement of Defenċe* fl-4 ta' Awwissu, 2008.<br><br>Il-Qorti Ewropea aċċettat it-talba tal-Kummissjoni (datata 27 ta' Awissu, 2008) sabiex iż-żmien sa' meta għandna nagħtu risposta ikun estiż sal-15 ta' Ottubru, 2008. |

Din l-informazzjoni tkopri sal-perjodu ta' nofs Settembru 2008.